TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1313

Kaz nru 1507

Fit-Tilwima tax-Xoghol
bejn
Union Haddiema Maghqudin
u
Anchor Bay Leisures Ltd

rigward tibdil ta' kundizzjonijiet tax-Xoghol

Illum : 4 ta' Lulju, 2002

Chairman : is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD (UK)
Membri : is-Sur Edward Abela
Is-Sur Alfred Mallia Milanes

Dan il-kaz gie referit mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 22 ta' Jannar, 2001 b'referenza MSP/2/97/37 – 2133/00 skond il-provedimenti tal-artiklu 27 ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (kap.266) tal-Ligijiet ta' Malta u provedimenti l-ohrjan fejn japplikaw ta' l-istess Att.

Il-Union Haddiema Maghqudin kienet rapprezentata mis-Sur Lino Vassallo Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Ristoranti, Ikel u Xorb tal-UHM u ghall-Anchor Bay Leisures Ltd. deher is-Sur E. Bonnici assistit millAvukat Ramona Frendo.

Il-Union Haddiema Maghqudin fl'istqarrija tal-kaz taghha qalet li dawn il-haddiema li huma; John Camilleri, Andrew Vella u Philip Cini kollha mpjegati bhala Watchmen mal-Kumpanija nkluz ukoll Alfred Gauci li llum (Boarded out), gew mibdula l-kundizzjonijiet ta' l-impieg taghhom meta f'Jannar 2000, il-Kumpanija ntroduciet sistema gdida ta' watchclock li riedu jkunu punched kull siegha. Il-Union tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha, li din il-mizura kienet tfisser li l-erbgha haddiema kkoncernati kellhom il-kundizzjonijiet tax-xoghol taghhom mibdula u ghaldaqstant m'ghandhomx jibqaw jigu kkunsidrati bhala watchmen, izda ghandhom jigu kkunsidrati li kienu qed jghamlu xoghol ta' Security Guards. Il-Union tkompli tghid, li dan ix-xoghol kien qed jesponi lill dawn il-haddiema ghall-periklu u ghaldaqstant ghandhom jinghataw kumpens.

Fl'istqarrija tal-kaz taghha is-Socjeta intimita' qalet, li s-sorveljanza tal-propjeta tal-Kumpanija huwa ix-xoghol ta' watchman u is-sistema tal-watchclock giet introdotta sabiex din is-sorveljanza fuq il-propjeta tal-Kumpanija ssir b'modd aktar effettiv.

Matul is-smiegh tal-kaz gie stabilit, li wiehed mid-doveri li kellhom il-watchman kienet dik li min hin ghall-iehor jduru l-kumpless sabiex jigi zgurat li kien kollox fl'ordni. Matul it-trattazzjoni tal-kaz gie stabilit ukoll, li t-tibdil baziku li l-management ried jintroduci kien li dawn il-haddiema waqt ir-ronda li kienu qed jghamlu kellhom jippancjaw f'hinijiet differenti f'dik l-area li kellhom id-dmir li josservaw u dan sabiex jigi zgurat, li kull area tal-propjeta tal-kumpanija kienet qed tigi osservata b'mod regolari.

Matul it-trattazzjoni tal-kaz, it-Tribunal Industrijali ezamina wkoll il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' dawn il-haddiema, liema kondizzjonijiet huma koperti min National

Standard Order u fejn gie stabilit li dawn il-haddiema kellhom kondizzjonijiet tax-xoghol li huma aktar vantaggjuzi min dak li tipprovdi l-ligi.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkonsidra l-iStatements of Case tal-partijiet, ezamina d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotti, kkonsidra s-sottomissjonijiet finali u kkunsidra u evalwa l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkwestjoni jiddeciedi li l-introduzzjoni tal-Cloakwatch hija dover li ma biddlitx il-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-watchmen u ghalhekk ghandu jigi mwettaq mill-haddiema involuti bhala parti mid-doveri taghhom.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol

Harold Walls
Chairman

Edward Abela
Membru

Alfred Mallia Milanes
Membru

Vincent Micallef
Segretarju